A.L. 228 ta' l-2004

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU
(KAP. 371)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Riorganizzazzjoni u Stralċ)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 29A ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, bħala l-awtorità kompetenti maħtura għall-għanijiet ta' dak l-Att, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2004 dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Riorganizzazzjoni u Stralċ).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Skop.

2. (1) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu Maltin u għall-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej li jinsabu f'Malta.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-istituzzjonijiet li jħaddmu s-sistema ġiro ta' uffiċċji postali, u lanqas għall-Bank Ċentrali ta' Malta jew ta' il-banek ċentrali xi Membru Stat ieħor jew ta' xi Stat taż- ŻEE.

(3) L-istituzzjonijiet elenkati fl-Iskeda ma għandhomx jitqiesu bħala istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, u d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma japplikawx għalihom.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jirrigwardaw b'mod speċifiku l-fergħat ta' istituzzjoni ta' kreditu, liema instituzzjoni ma jkollhiex uffiċċju prinċipali fi Stat Membru jew fi Stat li huwa parti miż-ŻEE, japplikaw biss fejn dik l-istituzzjoni jkollha fergħat mill-inqas f'żewġ Stati li jkunu jew Stat Membru jew Stat taż-ŻEE.

PRELIMINARI

Tifsir.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra -

Kap. 386.

"amministratur" tfisser Kontrollur Speċjali maħtur taħt l-Att dwar il-Kumpanniji; jew Kontrollur maħtur taħt l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ); jew persuna

Kap. 383.

kompetenti maħtura taħt l-artikolu 29 1 (d) ta' l-Att; jew kull persuna oħra jew korp ieħor maħtura mill-awtorità kompetenti jew minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva barranija bil-għan li tamministra miżuri ta' riorganizzazzjoni;

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

"awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji barranin" tfisser l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji li huma kompetenti fir-rigward ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ skond il-leġislazzjoni jew proċeduri ta' kull Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE li ma huwiex Malta;

"awtorità barranija" tfisser il-korp jew korpi li jiġu mogħtija s-setgħa li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu minn kull Stat Membru jew minn Stat taż-ŻEE li ma huwiex Malta;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-awtorità nazzjonali li, permezz ta' l-artikolu 3(1) ta' l-Att, għandha s-setgħa tissorvelja l-istituzzjonijiet ta' kreditu;

"fergħa" għandha l-istess tifsira kif mfissra f'punt (3) ta' l-Artikolu 1, tad-Direttiva 2000/12/KE u għandha tfisser post tan-negozju li jifforma parti legali dipendenti minn istituzzjoni ta' kreditu u li jwettaq b'mod dirett it-transazzjonijiet, kollha jew uħud minnhom, inerenti fix-xogħol ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, bil-kondizzjoni li l-postijiet kollha tan-negozju stabbiliti fl-istess Stat Membru jew Stat taż-ŻEE minn istituzzjonijiet ta' kreditu li għandha uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ieħor jew Stat taż-ŻEE ieħor, ikunu ikkunsidrati bħala fergħa waħda;

"istituzzjoni ta' kreditu" għandha t-tifsira kif imfissra f'punt (1) ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/12/KE, jiġifieri, impriża li n-negozju tagħha huwa li tirċievi mingħand il-pubbliku depożiti jew fondi oħra li għandhom jitħallsu lura u li tagħti kreditu akkont tagħha stess, inkluż kull impriża privata

jew pubblika li tikkorrispondi għal din it-tifsira u li tkun ġiet awtorizzata ġewwa Stat li ma jkunx la Stat Membru u lanqas Stat taż-ŻEE;

"istituzzjoni ta' kreditu Ewropea" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru jew fi Stat taż-ŻEE, li ma huwiex Malta;

"istituzzjoni ta' kreditu Maltija" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li l-Istat domestiku tagħha huwa Malta;

"kreditur" jinkludi depożitant kif imfisser fir-Regolamenti ta' l-2003 Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant; A.L. 369 ta' l-2003.

"krediturimagħrufa" tfisser dawk il-krediturili fir-rigward tagħhom l-amministratur jew stralċjarju huwa konxju ta', jew għandu jkun raġonevolment konxju:

(i) ta' l-identità tal-kreditur;

(ii) tat-talba tal-kreditur jew it-talba potenzjali tiegħu; u

(iii) ta' l-indirizz riċenti fejn il-kreditur x'aktarx li jista' jirċievi komunikazzjoni mibgħuta lilu;

"il-Ministru" għandu jfisser il-Ministru responsabbli mir-regolazzjoni finanzjarja;

"miżuri ta' riorganizzazzjoni" tfisser miżuri li fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jinvolvu l-intervent tal-Qorti taħt it-Taqsima VI ta' l-Att dwar il-Kumpanniji jew ta' l-awtoritajiet barranin jew ġudizzjarji u li huma intiżi sabiex jippreservaw jew jirriġeneraw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu u li tista' tolqot d-drittijiet li terzi persuni kellhom qabel, inkluż miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni tal-pagamenti, sospensjoni ta' miżuri ta' infurzar u, fejn hemm maħsub fil-liġi, t-tnaqqis tat-talbiet; Kap. 386.

"proċeduri ta' stralċ" tfisser proċeduri kollettivi mibdija wara applikazzjoni minn parti interessata kif jixraq u sorveljati mill-Qorti jew mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji barranin ta' kull Stat li huma kompetenti fir-rigward ta' proċeduri ta' stralċ skond il-leġislazzjoni jew proċeduri ta' dak l-istat, fejn l-għan ta' dawn il-proċeduri huwa li jinbiegħu l-assi taħt is-sorveljanza ta' dawk l-awtoritajiet, inkluż meta l-

proċeduri jkunu mwaqqfa permezz ta' kompożizzjoni jew miżura oħra li tixbaħha;

"il-Qorti" tfisser jew il-Qorti ċivili fil-ġurisdizzjoni kontenzjuża tagħha, fil-funzjoni tagħha bħala l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fir-rigward ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ skond it- Taqsimiet V u VI ta' l-Att dwar il-Kumpanniji jew il-Bord ta' l-Appell imsemmi fl-artikolu 7 ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ);

Kap. 386.

"ir-Reġistratur" tfisser il-persuna maħtura biex taġixxi bħala Reġistratur tal-Kumpanniji mill-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' assoċjazzjonijiet kummerċjali skond l-artikolu 400 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

Kap. 386.

"Stat domestiku" tfisser l-Istat Membru jew Stat taż-ŻEE li fih jinsab l-uffiċċju prinċipali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u li fih l-istituzzjoni ta' kreditu ġiet awtorizzata skond l-Artikoli 4 sa 11 tad-Direttiva 2000/12/KE;

"Stat Membru" tfisser membru tal-Komunitajiet Ewropej;

"Stat ospitanti" tfisser l-Istat Membru jew l-Istat taż-ŻEE, li ma huwiex l-Istat domestiku, li fih l-istituzzjoni ta' kreditu għandha fergħa;

"Stat taż-ŻEE" tfisser Stat li huwa parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll li kien iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat minn żmien għal żmien;

"stralċjarju" tfisser –

(a) f'Malta, stralċjarju individwali jew kumitat ta' stralċ maħtur taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji sabiex jamministra l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew il-fergħat tagħha u jinkludi r-Riċevitur Uffiċjali kif definit fl-Att dwar il-Kumpanniji meta jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' stralċjarju u l-Kontrollur kif definit fl-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) meta jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' stralċjarju; u

Kap. 386.

Kap. 383.

(b) fi Stat Membru ieħor jew Stat taż-ŻEE ieħor, kull persuna jew korp maħtura kif għandha tkun skond il-

leġislazzjoni u l-proċeduri ta' dak l-Istat, bl-iskop li tamministra l-proċeduri ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jew il-fergħat tagħha;

"Strumenti" tfisser l-istrumenti kollha msemmija fit-Taqsima B ta' l-Anness tad-Direttiva 93/22/KEE;

"suq regolat" għandha l-istess tifsira kif imfissra f' punt (13) ta' l-Artikolu 1, tad-Direttiva 93/22/KEE;

"uffiċċju prinċipali" tfisser l-uffiċċju li jservi bħala ċ-ċentru amministrattiv ta' istituzzjoni ta' kreditu u li jkun responsabbli għall-attivitajiet ta' amministrazzjoni ġenerali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu inklużi l-fergħat tagħha;

(2) Kliem u l-espressjonijiet li jintużaw ukoll fl-Att għandhom l-istess tifsira bħal fl-Att.

TAQSIMA I – MIŻURI TA' RIORGANIZZAZZJONI

Adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni f'Malta.
Kap. 386.
Kap. 383.

4. (1) Il-Qorti għandha, malli tirċievi applikazzjoni magħmula skond l-Att dwar il-Kumpanniji, jew l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ), u l-Att, tiddeċiedi dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija, inkluż il-fergħat tagħha li jkunu ġew stabbiliti fi Stati ospitanti.

(2) Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni adottati mill-Qorti fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija, inkluż il-fergħat tagħha f'kull Stat ospitanti ieħor, għandhom, sakemm ma jkunx espliċitament previst mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, jiġu applikati skond l-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) u l-Att, kif ikun adatt.

(3) Hekk kif isiru effettivi f'Malta l-miżuri ta' riorganizzazzjoni meħuda skond dawn ir-regolamenti, dawn isiru effettivi bis-sħiħ f'kull Stat Membru ieħor jew Stat taż-ŻEE ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' aktar formalitajiet, inklużi formalitajiet fir-rigward ta' terzi persuni f'kull Stat Membru jew Stati taż-ŻEE, anki jekk il-leġislazzjoni ta' dan l-Istat ospitanti applikabbli għal dawn it-terzi persuni, ma tipprovdix għal miżuri ta' riorganizzazzjoni bħal dawn, jew tagħmel l-implimentazzjoni tagħhom soġġetta għall-kondizzjonijiet li ma jkunux sodisfatti.

(4) Ma għandu jkun hemm xejn f'dawn ir-regolamenti li jippreġudika s-setgħat ta' l-awtorità kompetenti fir-rigward ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni li jikkonċernaw istituzzjoni ta' kreditu Maltija, inklużi il-fergħat tagħha stabbiliti fi Stati ospitanti, fejn dawn is-setgħat kienu previsti fl-artikolu 29 ta' l-Att.

Tagħrif għall-awtorità kompetenti u l-awtorità barranija ta' l-Istat ospitanti.

5. (1) Il-Qorti għandha, hekk kif tirċievi applikazzjoni għal kull miżura ta' riorganizzazzjoni, tavża lill-awtorità kompetenti dwar din it-talba sabiex tikseb l-opinjoni tagħha dwar l-adozzjoni ta' dik il-miżura u l-effetti prattiċi li din jista' jkollha. Sakemm il-miżuri ta' riorganizzazzjoni jikkonċernaw ordni biex kumpannija tirkupra skond l-Att dwar il-Kumpanniji, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 329B (3) (d) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Kap. 386.

(2) Meta l-Qorti tieħu deċiżjoni, tagħti ordni jew tordna ħatra ta' xi ħaġa minn dawn:–

(a) xi kompromess jew arranġament skond l-artikolu 327 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji; jew

(b) ordni biex kumpannija tirkupra u ħatra ta' kontrollur speċjali skond l-artikolu 329B ta' l-Att dwar il-Kumpanniji,

hija għandha tavża immedjatament lill-awtorità kompetenti, jew għandha tieħu ħsieb li l-awtorità kompetenti tkun avżata mingħajr dewmien, bid-deċiżjoni, ordni jew ħatra li jkunu saru.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun avżata b'deċiżjoni, ordni jew ħatra skond dan ir-regolament, hija għandha, min-naħa tagħha, bla telf ta' żmien u b'kull mezz possibbli, tavża lill-awtorità barranija, fejn dan japplika, bid-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri ta' riorganizzazzjoni, inklużi l-effetti prattiċi possibbli li jista' jkollhom dawk il-miżuri

(4) Id-dmirijiet previsti f'dan ir-regolament huma supplimentari, u mingħajr preġudizzju, għad-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati stabbiliti fl-artikolu 329B (13) (a) – (ċ) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Tagħrif għall-awtoritajiet kompetenti u l-awtorità barranija ta' l-Istat domestiku.

6. (1) Meta, hekk kif il-Qorti tirċievi applikazzjoni, tħoss li jkun hemm il-ħtieġa li timplimenta xi waħda jew aktar mill-miżuri ta' riorganizzazzjoni fuq fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tkun f'Malta, il-Qorti għandha tavża lill-awtorità kompetenti dwar din it-talba sabiex tikseb l-opinjoni tagħha fuq l-adozzjoni ta' din

il-miżura u l-effetti prattiċi li jista' jkollha din il-miżura. Iżda meta l-miżura tirrigwarda ordni ta' rkupru għal kumpannija skond l-Att dwar il-Kumpanniji, għandhom japplikaw id-disposizzjoniet ta' l-artikolu 329B (3) (d) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(2) Meta il-Qorti tieħu deċiżjoni, tagħti ordni jew tordna ħatra ta' xi ħaġa minn dawn:-

(a) xi kompromess jew arranġament skond l-artikolu 327 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji; jew

(b) ordni ta' rkupru għal kumpannija u ħatra ta' kontrollur speċjali skond l-artikolu 329B ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.

hija għandha tavża immedjatament lill-awtorità kompetenti, jew għandha tieħu ħsieb li l-awtorità kompetenti tkun avżata, mingħajr dewmien, bid-deċiżjoni, ordni jew ħatra li jkunu saru.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun avżata b'deċiżjoni, ordni jew ħatra skond dan ir-regolament, hija għandha min-naħa tagħha, malajr kemm jista' jkun u b'kull mezz disponibbli, tavża lill-awtorità barranija dwar id-deċiżjoni li jkunu adottati miżuri ta' riorganizzazzjoni, inkluż l-effeti prattiċi possibbli li jista' jkollhom dawn il-miżuri.

(4) Id-dmirijiet previsti fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament huma supplimentari, u mingħajr preġudizzju, għad-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati stabbiliti fl'artikolu 329B (13) (a) – (ċ) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti dwar miżuri ta' riorganizzazzjoni li jirrigwardaw l-interessi ta' terzi persuni u d-dritt għal rimedju.

7. (1) Meta deċiżjoni dwar miżuri ta' riorganizzazzjoni adottata mill-Qorti tkun soġġetta għal dritt ta' rimedju u l-implimentazzjoni tagħha x'aktarx li tolqot d-drittijiet ta' terzi persuni, hekk kif il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni, l-amministratur jew kull persuna oħra nominata mill-Qorti fir-rigward ta' din il-miżura, għandu jippubblika malajr kemm jista' jkun estratt tad-deċiżjoni tal-Qorti :-

(a) fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta;

(b) f'żewġ ġurnali Maltin, bil-kondizzjoni li estratt minnhom ikun ippubblikat fil-lingwa Ingliża u l-ieħor ikun ippubblikat fil-lingwa Maltija;

(ċ) fil-ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, jekk id-drittijiet ta' terzi persuni f'xi Stat ospitanti jkunu jistgħu jiġu

milquta bil-miżuri ta' riorganizzazzjoni; u

(d) żewġ ġurnali nazzjonali f'kull Stat ospitanti, jekk id-drittijiet ta' terzi persuni fl-Istat ospitanti jkunu jistgħu jiġu milquta bil-miżuri ta' riorganizzazzjoni.

(2) Il-pubblikazzjoni magħmula skond ir-regolament 7 (1) għandu jispeċifika ta' l-inqas -

(a) l-għan u l-bażi legali tad-deċiżjoni meħuda mill-Qorti;

(b) it-termini ta' żmien li fihom għandhom jiġu depożitati fil-Qorti t-talbiet għar-rimedju;

(ċ) indikazzjoni ċara u li tiftiehem tad-data ta' l-għeluq tat-terminu ta' żmien li fih jistgħu jiġu depożitati fil-Qorti t-talbiet għar-rimedju; u

(d) id-dettalji tal-Qorti u li hija kompetenti biex tisma' l-ilmenti ta' persuni stipulati taħt l-Att dwar il-Kumpanniji jew kull liġi oħra applikabbli.

(3) It-tagħrif imsemmi fir-regolament 7 (1) għandu jiġi ppubblikat bl-Ingliż jew, kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti, kif ukoll, fejn ikun japplika, f'lingwa uffiċjali ta' l-Istat ospitanti fejn it-tagħrif ikun ippubblikat.

(4) Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni japplikaw irrispettivament mid-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-pubblikazzjoni msemmija fir-regolament 7 (1) u (2) ta' dawn ir-regolamenti u huma effettivi kompletament kontra l-krediturі, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-liġi jew mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji.

(5) L-obbligu tal-pubblikazzjoni previst f'dan ir-regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet tal-kontrollur speċjali kif stipulati fl-artikolu 329B (7) (ċ) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Kap. 386.

Tagħrif lill-krediturі magħrufa sabiex ikunu jistgħu jiddepożitaw talba jew jipreżentaw osservazzjonijiet.

8. (1) Meta l-Att dwar il-Kumpanniji jipprovdi li l-krediturі għandhom ikunu infurmati bid-drittijiet tagħhom li jiddepożitaw talba jew li jipreżentaw osservazzjonijiet f'laqgħa tal-krediturі, l-amministratur għandu javża bil-miktub u mingħajr dewmien, lill-krediturі kollha li jkunu magħrufa, inklużi krediturі li l-post tar-residenza, id-domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor jew Stat taż-ŻEE ieħor, dwar kull deċiżjoni

Kap. 386.

tal-Qorti, ordni jew ħatra skond l-Artikoli 327 jew 329B ta' l-Att dwar il-Kumpanniji rigward il-bidu ta' proċeduri ta' riorganizzazzjoni kif ukoll id-dettalji li jirrigwardaw it-tagħrif meħtieġ fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(2) It-tagħrif mogħti lill-krediturigħandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:-

(i) illi jkunu nbdew miżuri ta' riorganizzazzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija;

(ii) il-limiti ta' żmien applikabbli għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni, jekk ikun hemm;

(iii) il-pieni stabbiliti fir-rigward ta' xi limiti ta' żmien, jekk ikun hemm;

(iv) il-korp jew awtorità li għandha s-setgħa li tilqa' talbiet jew osservazzjonijiet fir-rigward tal-miżuri; u

(v) jekk ikunx hemm bżonn li krediturili t-talbiet tagħhom huma preferenzjali jew protetti b'garanzija *in rem* jiddepożitaw it-talbiet tagħhom.

(3) Fil-każ ta' proċeduri ta' rkupru ta' kumpannija dak hawn qalul imsemmi għandu jkun supplimentari għal, u mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet tal-kontrollur speċjali stabbiliti fl-artikolu 329 B (7) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji. Meta il- kontrollur speċjali hu obbligat li javża lill-kredituribid-data u l-post ta' kull laqgħa tal-krediturili għaliha għandhom id-dritt jattendu, ikun ingħata avviż biżżejjed jekk dan l-avviż isir skond l-artikolu 329 B (7) (b) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(4) It-tagħrif imsemmi fir-regolament 8 (2) (i) sa (v) għandu jinħareġ bl-Ingliż jew bl-Ingliż u bil-Malti.

(5) Għandha wkoll tintuża formola li jkun fiha, fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, l-intestatura"Stedina biex tiġi depożitata talba. Żmien li għandu jiġi osservat."

(6) (a) Krediturili għandhom ir-residenza, domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stat Membru ieħor jew fi Stat taż-ŻEE ieħor, għandu jkollhom l-istess dritt li jiddepożitaw talbiet jew jissottomettu osservazzjonijiet skond it-Taqsima VI ta' l-Att dwar il-Kumpanniji bħall-krediturili għandhom ir-residenza,

domiċilju jew uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Istat domestiku skond il-proċeduri stabbiliti fir-regolament 18.

(b) Kreditur għandu jibgħat kopji ta' dokumenti li jsostnu t-talba tiegħu, jekk ikun hemm, u għandu jindika –

(i) ix-xorta tat-talba;

(ii) id-data ta' meta tkun irriżultat dik it-talba;

(iii) l-ammont tat-talba;

(iv) jekk il-kreditur jallegax preferenza, garanzija *in rem* jew riserva tat-titlu fir-rigward tat-talba; u

(v) l-assi li huma koperti bil-garanzija li jkollu.

Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' terzi pajjiżi – tagħrif lil awtoritajiet barranin fi Stati ospitanti oħrajn.

9. (1) Meta l-Qorti tirċievi applikazzjoni biex tadotta deċiżjoni dwar miżura ta' riorganizzazzjoni fir-rigward ta' fergħa li tinsab f'Malta ta' istituzzjoni ta' kreditu li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra minn Stat Membru jew Stat taż-ŻEE, hija għandha tavża lill-awtorità kompetenti dwar dik it-talba sabiex tikseb l-opinjoni tagħha dwar l-adozzjoni ta' dik il-miżura u l-effetti prattiċi li din it-talba jista' jkollha: Iżda, meta l-miżura ta' riorganizzazzjoni tinvolvi ordni ta' rkupru għal kumpannija skond l-Att dwar il-Kumpanniji, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 329B (3) (d) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(2) Meta l-Qorti tieħu deċiżjoni, tagħti ordni jew tordna l-ħatra ta' xi ħaġa minn dawn:-

(a) xi kompromess jew arranġament skond l-artikolu 327 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji; jew

Kap. 386.

(b) ordni ta' rkupru għal kumpannija tirkupra u ħatra ta' kontrollur speċjali skond l-artikolu 329B ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

hija għandha tavża immedjatament lill-awtorità kompetenti, jew għandha tieħu ħsieb li l-kumpannija kompetenti tkun avżata mingħajr dewmien, bid-deċiżjoni, ordni jew ħatra li jkunu saru.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun avżata b'deċiżjoni, ordni jew ħatra skond dan ir-regolament, hija għandha, min-naħa tagħha, malajr kemm jista' jkun u b'kull mezz disponibbli, tikkomunika t-tagħrif imsemmi hawn qabel lill-awtoritajiet barranin

ta' kull Stat ospitanti ieħor li fih l-istituzzjoni ta' kreditu tkun stabbiliet fergħat li huma inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/12/KE u ppubblikata ta' kull sena fil-ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

(4) L-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji msemmija f'dan ir-regolament għandhom jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom.

(5) Id-dmirijiet previsti f'dan ir-regolament huma supplimentari u mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati kif stabbiliti fl-artikolu 329B (13) (a)– (ċ) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

TAQSIMA II – PROĊEDURI TA' STRALĊ

Adozzjoni ta' proċeduri ta' stralċ f'Malta.

10. (1) Il-Qorti għandha, malli tirċievi applikazzjoni skond l-Att dwar il-Kumpanniji jew l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) u l-Att, tiddeċiedi li tibda proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija, inklużi l-fergħat tagħha stabbiliti f'xi Stat Membru jew f'xi Stat taż-ŻEE

Kap. 386.

Kap. 383.

(2) Deċiżjoni tal-Qorti li tirrigwarda x-xoljiment u l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija, inklużi l-fergħat tagħha f'kull Stat ospitanti, għandha tkun rikonoxxuta ġewwa t-territorju ta' kull Stat Membru ieħor jew ta' Stat taż-ŻEE ieħor mingħajr aktar formalitajiet u għandha tkun effettiva hemmhekk malli d-deċiżjoni tal-Qorti tkun effettiva f'Malta.

(3) (a) Il-Qorti għandha, malli tirċievi applikazzjoni għal xi proċeduri ta' stralċ, tavża lill-awtorità kompetenti dwar din it-talba sabiex tikseb l-opinjoni tagħha dwar l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri u l-effetti prattiċi li dawn il-miżuri jista' jkollhom.

(b) Meta il-Qorti tieħu deċiżjoni, tagħti ordni jew tordna l-ħatra ta' xi ħaġa minn dawn li ġejjin:-

(i) ordni ta' stralċ skond l-artikolu 219 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji; jew

(ii) il-ħatra ta' amministratur proviżorju skond l-artikolu 228 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

hija għandha tavża immedjatament lill-awtorità kompetenti, jew tieħu ħsieb li l-awtorità kompetenti tkun avżata mingħajr dewmien bid-deċiżjoni, ordni jew ħatra li jkunu saru.

(4) Meta l-awtorità kompetenti tkun avżata b'deċiżjoni, ordni jew ħatra skond dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha, min-naħa tagħha, mingħajr dewmien u b'kull mezz disponibbli, tavża lill-awtorità barranija fl-Istati Membri kollha jew fl-Istati taż-ŻEE kollha li tkun saret deċiżjoni, ordni jew ħatra u l-effetti possibbli li deċiżjoni ta' dik il-kwalità jista' jkollha.

(5) Fejn ikun sar ftehim skond l-artikolu 291 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, kull persuna li tkun nominata mill-istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew mill-kredituri, għandha tavża lill-awtorità kompetenti bl-arranġament li kien approvat.

(6) Fejn jiġi nominat stralċjarju kif imsemmi fl-artikolu 230 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, l-istralċjarju għandu javża lill-awtorità kompetenti bil-ħatra tiegħu.

(7) Fil-każ ta' stralċ volontarju tal-membri, is- stralċjarju kif previst fl-artikolu 272 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, għandu javża lill-awtorità kompetenti jekk ikunx tal-fehma li l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija tkunx ser tkun kapaċi tħallas id-djun tagħha fiż-żmien stipulat fid-dikjarazzjoni ta' solvenza.

(8) Id-dmirijiet previsti f'dan ir-regolament huma supplimentari u mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati kif stabbiliti fl-artikoli 224 u 264 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(9) Ma hemm xejn f'dawn ir-regolamenti li jista' jippreġudika d-dmirijiet u s-setgħat ta' l-awtorità kompetenti fir-rigward tal-proċeduri ta' stralċ li jirrigwardaw istituzzjoni ta' kreditu Maltija, inklużi l-fergħat tagħha stabbiliti fi Stati ospitanti, fejn dawn id-dmirijiet u s-setgħat ikunu previsti fl-Att jew fl-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ).

Il-liġi applikabbli fil-każ ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija.

11. (1) Minbarra fil-każ ta' l-eċċezzjonijiet previsti espliċitament f'dawn ir-regolamenti, id-deċiżjoni tax-xoljiment u l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija kif ukoll il-metodu ta' kif isir ix-xoljiment u l-istralċ tagħha, għandha tittieħed skond id-disposizzjonijiet ġenerali tat-Taqsima V ta' l-Att dwar il-Kumpanniji u b'mod partikulari skond l-artikolu 29 ta' l-Att u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċeduri ta' Stralċ).

Kap. 386.

Kap. 383.

(2) Fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija, il-liġi ta' Malta għandha tkun il-liġi applikabbli u għandha tiddetermina ukoll, b'mod partikolari:-

(a) il-beni li huma soġġetti għall-amministrazzjoni u l-mod kif jiġu ttrattati l-beni li jkunu ġew miksuba mill-istituzzjoni ta' kreditu wara li jkunu nfetħu l-proċeduri ta' l-istralċ;

(b) is-setgħat rispettivi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija u l-istralċjarju;

(c) il-kondizzjonijiet li taħthom tista' tiġi invokata tpaċija;

(d) l-effetti tal-proċeduri ta' stralċ fuq kuntratti kurrenti li tagħhom l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija hija parti kontraenti;

(e) l-effetti tal-proċeduri ta' stralċ miġjuba minn krediturі individwali, bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti, kif previst f'dawn ir-regolamenti;

(f) it-talbiet li għandhom jiġu depożitati kontra l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija u t-trattament tat-talbiet li jirriżultaw mill-ftuħ ta' proċeduri ta' stralċ;

(g) ir-regoli li jirregolaw id-depożitu, verifika u ammissjoni ta' talbiet;

(h) ir-regoli li jirregolaw it-tqassim tad-dħul mill-bejgħ ta' l-assi, klassifika tat-talbiet, drittijiet tal-kredituri li ħadu sodisfazzjon parzjali wara l-ftuħ ta' l-ordni ta' stralċ permezz ta' dritt *in rem* jew permezz ta' tpaċija;

(i) il-kondizzjonijiet għal, u l-effetti ta', l-għeluq ta' proċeduri ta' stralċ, b'mod partikulari meta l-għeluq isir permezz ta' kompożizzjoni;

(j) id-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq tal-proċeduri ta' stralċ;

(k) min għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri ta' stralċ; u

(l) ir-regoli dwar l-ineżistenta, in-nullità jew in-nuqqas ta' inforzabbilità ta' atti legali detrimentali għall-kredituri kollha.

Konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti qabel isir l-istralċ volontarju.

12. (1) Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar stralċ volontarju mill-bord tad-diretturi jew korpi li jmexxu istituzzjoni ta' kreditu, dawn il-korpi għandhom jikkonsultaw ma' l-awtorità kompetenti bl-aktar mod adatt.

(2) Il-bidu ta' l-istralċ volontarju ta' istituzzjoni ta' kreditu ma għandux jipprekludi l-adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew il-ftuħ ta' proċeduri ta' stralċ mill-Qorti.

L-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu.

Kap. 386.

13. (1) Meta l-Qorti tiddeċiedi illi tiftaħ proċeduri ta' stralċ, jew fin-nuqqas ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew skond l-artikolu 329 B (12) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji wara li ma jkunux irnexxew il-miżuri ta' riorganizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun irtirata mill-awtorità kompetenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 ta' l-Att.

(2) F'każ ta' l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, lil-awtorità kompetenti għandha, skond l-artikolu 9 (7) ta' l-Att, tavża l-awtorità barranija ta' l-Isat ospitanti sabiex din ta' l-aħħar tkun tista' tieħu l-miżuri xierqa biex ma tħallix lill-istituzzjoni ta' kreditu konċernata tibda aktar transazzjonijiet ġewwa t-territorju tagħha u biex ikunu protetti l-interessi tad-depożitanti.

(3) L-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni previst f'dan ir-regolament ma għandux jimpedixxi lill-persuna jew lill-persuni afdati bl-istralċ milli jwettqu wħud mill-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu sal-punt li jkunu meħtieġa jew xierqa għall-għanijiet ta' l-istralċ: Iżda dawn l-attivitajiet għandhom jitwettqu taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti.

Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li jinfetħu proċeduri ta' stralċ mill-Istralċjarju jew mill-Qorti.

14. (1) L-istralċjarju jew kull persuna oħra maħtura għal dan il-għan mill-Qorti għandhom, ma' l-ewwel opportunità li jkollhom, jagħmlu pubblika d-deċiżjoni tagħhom li jinfetħu l-proċeduri ta' stralċ billi jippubblikaw estratt mid-deċiżjoni li tordna l-proċeduri ta' stralċ:-

(a) fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta;

(b) f'żewġ ġurnali Maltin, bil-kondizzjoni li estratt minnhom ikun ippubblikat fil-lingwa Ingliża u l-ieħor ikun ippubblikat fil-lingwa Maltija;

(ċ) fil-ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, jekk id-drittijiet ta' terzi persuni f'xi Stat ospitanti jkunu jistgħu jiġu milquta bil-proċeduri ta' stralċ; u

(d) żewġ ġurnali nazzjonali f'kull Stat ospitanti, jekk id-drittijiet ta' terzi persuni fl-Istat ospitanti jkunu jistgħu jiġu milquta bil-proċeduri ta' stralċ.

(2) Il-pubblikazzjoni magħmula skond ir-regolament 14 (1) (a) sa (d), għandha, mill-anqas, tispeċifika:-

(a) li bdew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija;

(b) il-limiti ta' żmien applikabbli għall-proċeduri ta' l-istralċ, jekk ikun hemm;

(ċ) il-pieni stabbiliti fir-rigward ta' kull limitu ta' żmien, jekk ikun hemm;

(d) l-indirizz sħiħ tal-korp jew awtorità li għandha s-setgħa li tirċievi t-talbiet jew osservazzjonijiet dwar talbiet u l-miżuri l-oħra msemmija; u

(e) jekk ikunx hemm bżonn li krediturі li t-talbiet tagħhom huma preferenzjali jew assigurati b'garanzija *in rem,* jiddepożitaw it-talbiet tagħhom.

(3) It-tagħrif imsemmi fir-regolament 14 (1) għandu jiġi ppubblikat bl-Ingliż jew kemm bl-Ingliż kemm bil-Malti.

(4) Għandha wkoll tintuża formola li jkollha, bil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, l-intestatura "Stedina biex tiġi depożitata talba. żmien li għandu jiġi osservat."

(5) Id-dmirijiet previsti f'dan ir-regolament huma mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati stipulati fl-artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji u għad-dmirijiet tal-Kontrollur stabbiliti fl-artikolu 4 ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ). Kap. 386. Kap. 383.

15. (1) Meta jkunu nbdew il-proċeduri ta' stralċ, l-istralċjarju għandu javża individwalment, mingħajr dewmien u bil-miktub lill-krediturі kollha li jkunu magħrufa kull fejn ikunu residenti jew domiċiljati:- Tagħrif lill-krediturі magħrufa.

(a) illi nbdew proċeduri ta' stralċ dwar istituzzjoni ta' kreditu Maltija;

(b) dwar il-limiti ta' żmien applikabbli għall-proċeduri ta' stralċ, jekk ikun hemm;

(ċ) dwar il-pieni stabbiliti fir-rigward ta' xi limiti taż-żmien, jekk ikun hemm;

(d) dwar il-korp jew l-awtorità li għandhom is-setgħa li jaċċettaw talbiet jew osservazzjonijiet dwar talbiet u l-miżuri l-oħa msemmija; u

(e) jekk ikunx hemm bżonn li krediturі li l-talbiet tagħhom huma preferenzjali jew assigurati b'garanzija *in rem,* jiddepożitaw it-talbiet tagħhom.

(2) Meta, skond l-Att dwar il-Kumpanniji, l-istralċjarju għandu javża lill-krediturі dwar, fost affarijiet oħra, id-data u l-post ta' kull laqgħa tal-krediturі li għaliha min jirċievi l-avviż ikollu d-dritt li jattendi, dan l-avviż, imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandu jingħata mingħajr preġudizzju għad-
Kap. 386. disposizzjonijiet ta' l-artikolu 296 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(3) It-tagħrif imsemmi fis- subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jinħareġ bl-Ingliż jew bl-Ingliż u bil-Malti.

(4) Għandha wkoll tintuża formola, fil-lingwi kollha ta' l-Unjoni Ewropea, bl-intestatura "Stedina biex tiġi depożitata talba. żmien li għandu jiġi osservat."

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet tal-Kontrollur stabbiliti fl-
Kap. 383. artikolu 4 ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ).

Rapporti lill-krediturі.

16. (1) L-istralċjarju għandu jibgħat rapport bil-miktub darba kull tnax-il xahar li jkun partikolarment fih il-posizzjoni tal-progress ta' l-istralċ, lil kull kreditur magħruf irrispettivament minn fejn ikun residenti jew domiċiljat. Dan il-perjodu ta' tnax-il xahar jibda mid-data meta l-istralċjarju jkun ħa l-ħatra.

(2) Fejn ir-riċevitur uffiċjali jkun qed jaġixxi bħala stralċjarju, l-ewwel rapport minn dawn ir-rapporti lill-krediturі
Kap. 386. għandu jkun fih it-tagħrif meħtieġ skond l-artikolu 227 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(3) L-obbligu mitlub fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma japplikax meta stralċjarju jkun mitlub b'ordni mill-

Qorti li jibgħat rapporti lill-kredituri f'intervalli li jkunu aktar frekwenti minn dawk mitluba minn dan ir-regolament.

(4) Id-dmirijiet previsti f'dan ir-regolament huma mingħajr preġudizzju għall-artikolu 234 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji u, meta jkun japplika, huma supplimentari għad-dmirijiet tal-Kontrollur taħt l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ). Kap. 383.

Twettiq ta' – obbligazzjonijiet.

17. (1) Meta ikunu twettqu obbligazzjonijiet għall-vantaġġ ta' istituzzjoni ta' kreditu li ma tkunx persuna legali u li tkun issoġġett ta' proċeduri ta' stralċ mibdija fi Stat Membru ieħor jew Stat taż-ŻEE ieħor meta kien imissha twettqet għall-vantaġġ ta' l-istralċjarju f'dawk il-proċeduri, il-persuna li tkun qed twettaq dik l-obbligazzjoni għandha titqies li tkun wettqitha jekk ma kienetx taf bil-ftuħ tal-proċeduri.

(2) Meta azzjoni bħal dik tkun twettqet qabel ma tkun saret il-pubblikazzjoni mitluba mir-regolament 14, il-persuna li twettaq dak l-obbligu għandha, fin-nuqqas ta' provi li juru mod ieħor, titqies li ma kienetx taf bil-ftuħ tal-proċeduri ta' stralċ.

(3) Meta din l-obbligazzjoni titwettaq wara li tkun saret il-pubblikazzjoni li hemm provdut dwarha fir-regolament 14, il-persuna li twettaq dik l-obbligazzjoni għandha, fin-nuqqas ta' provi li juru mod ieħor, titqies li kienet taf bil-ftuħ tal-proċeduri.

Id-dritt ta' kredituri, eċċ li jippreżentaw talbiet.

18. (1) Kull kreditur li jkun domiċiljat jew li jkollu bħala l-post normali tar-residenza jew l-uffiċċju prinċipali tiegħu ġewwa Stat Membru jew Stat taż-ŻEE li ma jkunx Malta, inklużi awtoritajiet pubbliċi ta' Stati Membri jew ta' Stati taż-ŻEE, għandu jkollu d-drittijiet kollha pprovduti lill-kredituri taħt it-Taqsima V ta' l-Att dwar il-Kumpanniji biex jippreżenta talbiet jew jagħmel osservazzjonijiet bil-miktub dwar talbiet fil-konfront ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun fil-proċess ta' stralċ. Kap. 386.

(2) It-talbiet ta' kull kreditur li jkun domiċiljat jew li jkollu l-post tar-residenza normali jew l-uffiċċji prinċipali tiegħu f'xi Stat Membru jew f'xi Stat taż-ŻEE li ma jkunx Malta, għandu jkun ittrattat bl-istess mod bħal dawk li jkunu residenti jew domiċiljati jew li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom f'Malta u għandu jingħata l-istess klassifikazzjoni bħal talbiet ta' xorta ekwivalenti li jistgħu jiġu ppreżentati minn kredituri li jkollhom iddomiċilju, il-post normali tar-residenza, jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'Malta.

(3) Meta kreditur jagħmel talba huwa għandu jibgħat kopji ta' dokumenti li jsostnu t-talba tiegħu, jekk ikun hemm, u għandu jindika:-

(a) Ix-xorta tat-talba;

(b) id-data ta' meta tkun irriżultat it-talba u l-ammont tagħha;

(c) jekk il-kreditur ikunx qiegħed jallega preferenza;

(d) garanzija *in rem* jew riserva tat-titlu fir-rigward tat-talba; u

(e) liema assi huma koperti mill-garanzija tal-kreditur.

(4) Kull kreditur li huwa domiċiljat jew li għandu l-post tar-residenza normali jew l-uffiċċju prinċipali tiegħu fi Stat Membru jew Stat taż-ŻEE li ma jkunx Malta, jista' jippreżenta talbiet jew osservazzjonijiet li jirrigwardaw dawn it-talbiet fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor jew dak l-Istat taż-ŻEE l-ieħor. Jekk dan ikun il-każ, il-preżentazztar tat-talba tal-kreditur jew ta' l-osservazzjonijiet dwar din it-talba għandu jkollhom l-intestatura "Preżentazzar ta' talba" jew "Preżentata ta' osservazzjonijiet dwar talbiet" bl-Ingliż jew bil-Malti. Minbarra dan, il-kreditur jista' jintalab jipprovdi traduzzjoni għall-Ingliż jew għall-Malti tal-preżentazzjoni tat-talba jew ta' l-osservazzjonijiet dwar it-talbiet jew ta' xi dokumentazzjoni u, jew tagħrif mitluba bir-regolament 18 (3).

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 232 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn pajjiżi terzi.

19. (1) Meta l-Qorti tirċievi rikors biex tadotta deċiżjoni jew ordni biex jinfetħu proċeduri ta' stralċ ta' fergħa, li tinstab f'Malta, ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra minn Stat Membru jew minn Stat taż-ŻEE, hija għandha tavża lil-awtorità kompetenti dwar din it-talba sabiex tikseb l-opinjoni tagħha dwar l-adozzjoni ta' din il-miżura u l-effetti prattiċi li din il-miżura jista' jkollha.

(2) Fejn il-Qorti tieħu deċiżjoni, tagħti ordni jew tordna ħatra ta' xi ħaġa minn dawn li ġejjin:-

(a) ordni ta' stralċ skond l-artikolu 219 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji; u

(b) il-ħatra ta' amministratur proviżorju skond l-artikolu 228 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

hija għandha immedjatament tavża lil-awtorità kompetenti, jew tieħu ħsieb li l-awtorità kompetenti ssir taf mingħajr dewmien bid-deċiżjoni, l-ordni jew il-ħatra li jkunu saru.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun avżata b'deċiżjoni, ordni jew ħatra skond dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti għandha, min-naħa tagħha, mingħajr dewmien u b'kull mezz disponibbli, tikkomunika dan it-tagħrif lill-awtoritajiet barranin ta' kull Stat ospitanti ieħor li fih l-istituzzjoni ta' kreditu tkun stabbiliet fergħat li huma msemmija fil-lista msemmija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/12/KE u ppubblikata kull sena fil-ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll id-deċiżjoni li jinfetħu proċeduri ta' stralċ u l-effetti prattiċi tagħhom. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tavża lill-Awtorità Barranija ta' kull Stat ospitanti ieħor li tkun ġiet irtirata l-awtorizzazzjoni tal-fergħa.

TAQSIMA III – DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-PROĊEDURI TA' RIORGANIZZAZZJONI U STRALĊ

Kuntratti u relazzjonijiet ta' impjiegi.

20. L-effetti ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu fuq kuntratti u relazzjonijet ta' impjiegi jiġu deċiżi skond il-liġijiet ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE li għalihom ikun soġġett dak il-kuntratt jew dik ir-relazzjoni.

Kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' proprjeta' immobbli.

21. L-effetti ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu fuq kuntratt li jagħti d-dritt ta' l-użu jew ta' l-akkwist ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab ġewwa t-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE għandhom jiġu irregolati skond il-liġi ta' dak l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE.

Drittijiet li jistgħu jkunu reġistati.

22. Id-drittijiet ta' istituzzjoni ta' kreditu dwar proprjetà immobbli, bastimenti jew inġenji ta' l-ajru soġġetti għal reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku għandhom jiġu regolati biss mil-liġi ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru.

Drittijiet *in rem* ta' terzi persuni.

23. (1) L-adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew il-ftuħ ta' proċeduri ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija ma għandhomx jolqtuid-drittijiet *in rem* ta' kredituri jew terzi persuni fir-rigward ta' assi tanġibbli jew mhux tanġibbli, mobbli jew immobbli, inkluż kemm assi speċifiċi u kollezzjonijiet ta' assi indefiniti bħala ħaġa waħda li jinbidlu minn żmien għal żmien, li jappartjenu għall-istituzzjoni ta' kreditu in kwistjoni u li jkunu jinsabu ġewwa t-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE fil-waqt li jinfetħu dawk il-miżuri jew proċeduri.

(2) Id-drittijiet *in rem* imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom partikolarment ifissru:–

(a) id-dritt li tittrasferixxi l-assi jew li tara li jkunu trasferiti u li tieħu benefiċċju mill-qligħ ta', jew mid-dħul minn dawk l-assi, b'mod partikoari bħala riżultat ta' *lien*, *mortgage* jew ipoteka;

(b) id-dritt esklużiv li tintlaqagħlek talba, b'mod partikoari dritt garantit b'*lien* fir-rigward tat-talba jew bit-trasferiment tal-preferenza bħala garanzija;

(ċ) id-dritt li titlob l-assi minn, u, jew titlob restituzzjoni minn għand min ikollu l-pussess jew l-użu tagħhom kontra x-xewqa tal-parti li tkun intitolata li tagħmel dan;

(d) dritt *in rem* għall-użu ta' l-assi b'mod li jħallu benefiċċji.

(3) Dritt, reġistrat f'reġistru pubbliku u li jista' jiġi infurzat kontra partijiet terzi, taħt liema dritt jista' jinkiseb dritt *in rem* skond it-tifsira tar-regolament 23 (1), għandu wkoll jiġi meqjus bħala dritt *in rem* għall-għanijiet ta' dan ir-regolament.

(4) Ir-Regolament 23 (1) ma jipprekludix azzjonijiet dwar l-ineżistenza, in-nullità, jew in-nuqqas ta' inforzabbilità ta' atti legali li huma detrimentali għall-kredituri u msemmija fir-regolament 11(2) (l).

Ftehim ta' riserva ta' titolu.

24. (1) Il-ftuħ ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun fil-proċess li tixtri assi ma għandux jolqot id-drittijiet tal-bejjiegħ, liema drittijiet ikunu ibbażati fuq riserva tat-titolu fejn fil-waqt tal-ftuħ ta' dawn il-miżuri jew proċeduri l-assi tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stat taż-ŻEE ieħor.

(2) Il-ftuħ ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ kontra istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun fil-proċess li tbigħ assi, wara li tkun ikkunsinnata l-assi, ma jammontax għal raġuni biex il-bejgħ ikun irrevokat jew terminat u ma għandux ifixkel lix-xerrej milli jakkwista t-titolu fejn, fil-mument li tinfetaħ din il-miżura jew proċeduri, l-assi mibjugħ jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE u li fih ikunu inbdew miżuri bħal dawk.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament ma jipprekludux azzjonijiet dwar l-ineżistenza, in-nullità, jew in-nuqqas ta' inforzabbilità ta' atti legali li huma detrimentali għall-krediturі msemmija fir-regolament 11 (3) (l), ta' dawn ir-regolamenti.

Drittijiet ta' kreditur għal tpaċija.

25. (1) L-adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew il-ftuħ ta' proċeduri ta' stralċ ma għandux jolqot d-drittijiet ta' krediturі li jitolbu tpaċija tat-talbiet tagħhom kontra t-talbiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija fejn din it-tpaċija tkun permessa mil-liġi ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE li tkun tapplika għat-talba ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija.

(2) Dan ir-regolament ma jipprekludix azzjonijiet dwar l-ineżistenza, in-nullità, jew l-infurzar ta' atti legali li huma detrimentali għall-krediturі msemmija fir-regolament 11 (2) (l).

Lex rei sitae.

26. L-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà fi strumenti jew drittijiet oħrajn f'dawn l-istrumenti, li l-eżistenza jew it-trasferiment tagħhom hemm bżonn li jkunu reġistrati f'reġistru, f'kont jew f'sistema ċentralizzata ta' depożiti miżmuma fi Stat Membru jew fi Stat taż-ŻEE għandhom ikunu regolati mil-liġi ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE fejn ir-reġistru, il-kont, jew is-sistema ċentralizzata ta' depożiti, li fihom qegħdin reġistrati dawk id-drittijiet, ikunu miżmuma

Ftehim ta' *netting*.
Kap. 459.

27. Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Tpaċija u Netting f'Każ ta' Insolvenza, kull ftehim ta' *netting* għandu jkun regolat mil-liġi tal-kuntratt li jirregola dak il-ftehim.

Ftehim ta' xiri mill-ġdid.

28. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 26, kull ftehim ta' xiri mill-ġdid għandu jkun regolat biss mil-liġi tal-kuntratt li jirregola dak il-ftehim.

Swieq regolati.

29. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 26, transazzjonijiet imwettqa fil-kuntest ta' suq regolat għandhom ikunu regolati biss mil-liġi tal-kuntratt li jirregola dawk it-transazzjonijiet.

Prova tal-ħatra ta' l-istralċjarji.

30. (1) Għandha tingħata prova dawr il-ħatra ta' amministratur jew stralċjarju permezz ta' kopja ċertifikata tad-deċiżjoni oriġinali li tkun ħatritu jew permezz ta' xi ċertifikat ieħor maħruġ mill-awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja ta' l-Istat domestiku li jkun jiċċertifika l-ħatra ta' l-amministratur jew ta' l-istralċjarju.

(2) Tista' tkun meħtieġa traduzzjoni għal lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE li l-amministratur jew l-istralċjarju jkun jixtieq jaġixxi fit-territorju tagħhom. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda leġislazzjoni jew formalità oħra.

(3) L-amministraturi u l-stralċjarji għandu jkollhom id-dritt li jeżerċitaw fit-territorju ta' kull Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE, is-setgħat kollha li jkollhom id-dritt jeżerċitaw fit-territorju ta' l-Istat domestiku. Jistgħu wkoll jaħtru persuni sabiex jgħinuhom, jew, fejn ikun xieraq, jirrappreżentawhom waqt il-miżura ta' riorganizzazzjoni jew waqt il-proċeduri ta' stralċ, b'mod partikulari fi Stati ospitanti u, b'mod speċifiku sabiex jgħinu ħalli jiġu megħluba d-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom il-krediturі fl-Istat ospitanti.

(4) Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, l-amministraturi u l-stralċjarji għandhom jaġixxu skond il-liġi ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE li fit-territorju tiegħu jkunu jixtiequ li jieħdu azzjoni, b'mod partikulari fir-rigward ta' proċeduri dwar il-bejgħ ta' assi u l-forniment ta' tagħrif lill-impjegati. Dawk is-setgħat ma jistgħux jinkludu l-użu tal-forza jew id-dritt li jiddeċiedu dwar proċeduri legali jew tilwim.

Atti detrimentali.

31. (1) Ir-regolament 11, ma għandux japplika fir-rigward tar-regoli dwar l-ineżistenza, in-nullità, jew in-nuqqas ta' inforzabbilità ta' atti legali li huma detrimentali għall-krediturі in ġenerali, fejn il-benefiċjarju ta' dawn l-atti jforni prova li:-

(a) l-att detrimentali għall-krediturі in ġenerali huwa soġġett għal-liġi ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE li ma huwiex l-Istat domestiku, u

(b) dik il-liġi ma tippermetti l-ebda rikuża fil-konfront ta' l-att in kwestjoni.

(2) Meta miżura ta' riorganizzazzjoni li tkun ġiet deċiża minn awtorità ġudizzjarja tipprovdi għal regoli li jirrigwardaw l-ineżistenza, in-nullità, jew in-nuqqas ta' inforzabbilità ta' atti legali li huma detrimentali għall-krediturі in ġenerali, liema atti kienu mwettqa qabel l-adozzjoni tal-miżura, ir-regolament 4(2) ma japplikax fil-każi previsti f' dan ir-regolament.

Il-ħarsien ta' l-interessi ta' terzi xerrejja.

32. Meta, b'att imwettaq wara l-adozzjoni ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew wara l-bidu ta' proċeduri ta' stralċ, istituzzjoni ta' kreditu titrasferixxi b'konsiderazzjoni:-

(a) beni immobbli li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' Stat taż-ŻEE;

(b) bastimenti jew inġenji ta' l-ajru soġġetti għar-reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku miżmum taħt l-awtorità ta' Stat Membru jew Stat taż-ŻEE; jew

(ċ) strumenti jew drittijiet f'dawn l-istrumenti li l-eżistenza jew it-trasferiment tagħhom titlob li jkunu reġistrati f'reġistru, f'kont jew f'sistema ċentralizzata ta' depożiti miżmuma għand jew li tinsab fi Stat Membru jew Stat taż-ŻEE,

il-validità ta' dak l-att għandha tkun irregolata mil-liġi ta' l-Istat membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE li fit-territorju tiegħu l-beni immobbli jkun jinsab jew li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru, il-kont jew is-sistema, skond il-każ.

Kawżi pendenti quddiem il-Qorti.

33. L-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew ta' proċeduri ta' stralċ fuq kawża li tkun għadha pendenti quddiem il-Qorti u li tirrigwarda beni jew dritt li fir-rigward tagħhom l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija tkun tneħħitilhom l-awtorità, għandhom ikunu regolati mil-liġi ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taż-ŻEE fejn il-kawża tkun pendenti.

Reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku.

34. (1) Bil-għan li jiżgura d-drittijiet ta' terzi persuni li jkollhom interess, amministratur jew stralċjarju jista' jitlob li miżura ta' riorganizzazzjoni jew id-deċiżjoni li jinfetħu proċeduri ta' stralċ, ikunu reġistrati fir-reġistru tal-kumpanniji u kull reġistru pubbliku ieħor miżmum f'Malta jew f' xi Stat Membru ieħor jew f' xi Stat taż-ŻEE ieħor.

(2) L-ispejjeż tar-reġistrazzjoni għandhom jiġu meqjusa bħala spejjeż li ntefqu b'riżultat tal-proċeduri ta' stralċ jew tal-miżura ta' riorganizzazzjoni.

Sigriet professjonali.

35. Il-persuni kollha li huma meħtieġa li jirċievu, jew li jxandru, tagħrif dwar il-proċeduri ta' informazzjoni jew ta' konsultazzjoni stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, għandhom ikunu marbuta bis-sigriet professjonali, skond ir-regoli u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2000/12/KE, bl-eċċezzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji li fil-każ tagħhom japplikaw id-disposizzjonijiet nazzjonali eżistenti.

TAQSIMA IV– MIŻURI TA' RIORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURI TA' STRALĊ FIR-RIGWARD TA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU EWROPEJ LI GĦANDHOM EFFETT F'MALTA

Adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea.

Kap. 386.

36. (1) Il-ftuħ ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea għandhom effett f'Malta bħal li kieku kienu parti mill-Att dwar il-Kumpanniji, meta dawn ikunu dwar:-

(a) fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea;

(b) xi proprjetà jew beni oħra ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea; jew

(c) xi dejn jew passiv ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, l-amministratur jew stralċjarju jew persuni maħtura biex jassistu, jew, fejn ikun xieraq, jirrappreżentaw l-amministraturi u l-stralċjarji, jistgħu jeżerċitaw f'Malta, fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tkun soġġetta għal miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stalċ, kull funzjoni li, skond dik il-miżura jew ordni, huwa jkun awtorizzat li jeżerċita fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea.

(3) Il-ħatra ta' l-amministratur u l-stralċjarju għandha ssir prova dwarha:-

(a) permezz ta' kopja ċertifikata ta' l-ordni jew deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li tkun kompetenti fl-Istat domestiku fir-rigward ta' proċeduri ta' riorganizzazzjoni jew stralċ li permezz tagħhom l-amministratur jew stralċjarju kien maħtur; jew

(b) permezz ta' kull ċertifikat ieħor maħruġ mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li jkollha ġurisdizzjoni fuq miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ, u dawn għandhom jkollhom magħhom traduzzjoni ċertifikata ta' dik l-ordni, deċiżjoni jew ċertifikat, skond kif ikun il-każ.

(4) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-amministratur jew l-istralċjarju-

(a) ma jistax jieħu azzjoni li tkun tammonta għal użu illegali tal-forza f'Malta;

(b) ma jistax jieħu deċiżjoni fuq tilwima li tirriżulta minn kwistjoni li taqa' taħt it-Taqsimiet I, II, u III ta' dawn ir-regolamenti; u

Istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej b'fergħat f'Malta.

(c) minkejja l-mod kif il-funzjonijiet tiegħu jistgħu jkunu eżerċitati fl-Istat domestiku ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea, għandu jaġixxi skond il-liġijiet jew regoli ta' proċedura li japplikaw f'Malta.

37. (1) Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, il-Qorti ma tistax, fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jew kull fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea –

(a) toħroġ ordni ta' stralċ taħt l-artikolu 224 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji; jew

(b) tadotta miżuri ta' riorganizzazzjoni jew twettaq xi att anċillari għall-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn kif previsti fir-VI Parti ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(2) Il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma jipprekludix:-

(a) lill-Qorti milli toħroġ ordni ta' stralċ wara d-data rilevanti fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea jekk -

(i) ikun inħatar amministratur proviżorju fir-rigward ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea qabel id-data rilevanti; u

(ii) il-ħatra tibqa' fis-seħħ sa eżatt qabel ma tkun maħruġa dik l-ordni ta' stralċ;

(b) l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea wara d-data rilevanti konformi ma' ordni ta' stralċ li tkun saret, u li kienet għadha ma ġietx obduta qabel dik id-data.

(3) Il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma jipprekludix amministratur proviżorju ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea maħtur qabel id-data rilevanti milli jaġixxi fir-rigward ta' din l-istituzzjoni wara dik id-data.

(4) Ma hemm xejn f'dawn ir-regolamenti li jista' jolqot l-proċeduri mibdija f'kull Qorti li jirrigwardaw ir-riorganizzazzjoni jew l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu fejn dawn il-proċeduri jkunu nbdew qabel l-1 ta' Mejju, 2004.

(5) F'dan ir-regolament, il-frażi "data rilevanti" tfisser l-1 ta' Mejju, 2004.

TAQSIMA V – INTERPRETAZZJONI

Interpretazzjoni.

38. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April, 2001 dwar ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, u għandhom jiġu interpretati u applikati skond din id-Direttiva.

(2) F'każ ta' konflitt bejn xi wieħed minn dawn ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet tad-Direttiva msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandha tingħata prijorità lid-disposizzjonijiet tad-Direttiva.

TAQSIMA VI – DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI

Disposizzjonijiet transitorji.

39. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss għal miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ adottati minnufih wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Skeda

(a) fl-Awstrija, impriżi rikonoxxuti bħala assoċjazzjonijiet tad-djar fl-interess pubbliku u l-*"Österreichische Kontrollbank AG";*

(b) fil-Belġju, l-*"Institut de Réescompte et de Garantie/Herdiscontering-en Waarborginstituut";*

(ċ) fid-Danimarka, id-*"Dansk Eksportfinansieringsfond",* id-*"Danmarks Skibskreditfond*", u d-*"Dansk Landbrugs Realkreditfond*";

(d) fil-Finlandja, it-*"Teollisen yhteistyön rahasto Oy/Fonden för industriellt samarbete AB*", u l-*"Kera Oy/Kera Ab";*

(e) fi Franza, il- "*Caisse des dépôts et consignations*";

(f) fil-Ġermanja, il-*"Kreditanstalt für Wiederaufbau",* impriżi li huma rikonoxxuti taħt il-*"Wohnungsgemeinnqtzigkeitsgesetz"* bħala korpi ta' politika Statali tad-djar u li ma joperawx b'mod prinċipali fuq transazzjonijiet bankarji, u impriżi rikonoxxuti taħt dik il-liġi bħala impriżi tad-djar li l-għan tagħhom mhux li jagħmlu qliegħ;

(g) fil-Greċja, ""*Ελληνικη Τραπεζα Βιομηχανικης Αναπτυξεως*"(Ελλινκι Τραπεζα σιομιχηανικισ Αναπτψξεοσ), it-*"Tameio ParakataJhkwn kai Daneiwn* " u *"Ταχυδρομικο Ταμιευτηριο*" u (Tachidromiko Tamieftirio);

(h) fl-Irlanda, *unions* ta' kreditu u l-*friendly societies;*

(i) fl-Italja, il-*"Cassa depositi e prestiti";*

(j) fil-Portugall, il-*"Caixas Económicas"* li jeżistu fl-1 ta' Jannar 1986 bl-eċċezzjoni ta' dawk inkorporati bħala kumpanniji b'responsabbiltà limitata u tal-*"Caixa Económica Montepio Geral";*

(k) fi Spanja, l-*"Instituto de Crédito Oficial";*

(l) fl-Isvezja, is-*"Svenska Skeppshypotekskassan";*

(m) fl-Olanda, in-"Netherlandse Investeringsbank voor Ontwikkelingslanden NV", in-"NV Noordelijke Ontwikkelingsmaatschappij", in-"NV Industriebank Limburgs Instituut voor Ontwikkeling en Financiering" u l-"Overijsselse Ontwikkelingsmaatschappij NV".